**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Frar, 2020**

**Avviz Numru: 371/2009 MLF**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Tademco Limited u Clement Azzopardi, u b'digriet tat-28 t'Ottubru 2013, giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Saviour Micallef f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta The Vegpoint Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn is-soċjeta attriċi talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill konvenuti jħallsu lis-soċjeta attriċi is-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€4,282.73c), rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21421438 (AC 40012763) skont kif jirriżulta mill-annessi Dok A u kopja ta' ftehim hawn anness u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-preżenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjeta konvenuta.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Tademco Limited u Clement Azzopardi fejn eċċepew illi l-ammont mitlub mill-kumpanija attriċi mhuwiex dovut mill-eċċipjenti iżda mill-kumpanija JG Construction Limited C15691 u The Veg. Point Ltd C 29407 illi għandhom jiġu kjamati fil-kawża sabiex iwieġbu għat-talba attriċi.

Rat id-digret taghha tat-13 ta' Ottubru 2013, fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Saviour Micallef f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta The Vegpoint Limited.

Ghalkemm il-kjamat fil-kawza gie debitament notifikat, huwa ma ipprezentax risposta, izda deher diversi drabi f'dawn il-proceduri.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Fil-verita ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza:

1. Fil-15 ta' Jannar 2003, is-socjeta JG Construction Limited kriet maħżen ġewwa Ta Qali lis-socjeta konvenuta Tademco Limited[1]. Fid-9 ta' Jannar 2003, il-konvenut Clement Azzopardi ghan-nom ta' Tademco Limited iffirma ftehim mas-socjeta attrici (dak iz-zmien maghrufa bl-isem Maltacom p.l.c.) sabiex jigi installat servizz tat-telefon ġewwa dan il-maħżen[2]. F'dan il-ftehim il-konvenut Azzopardi dahal personalment responsabbli *in solidum* mas-socjeta Tademco Limited ghall-hlasijiet relatati ma' din l-istallazzjoni.[3]

[1] Fol 47.
[2] Dok B, fol 8.
[3] Fol. 10.

2. Permezz ta' skrittura datata 7 ta' April 2004, is-socjetajiet Tademco Ltd u J.G. Construction Ltd. xoljew il-kirja tal-mahzen[4]. Pero is-servizz tat-telefon baqa' fil-post, u ma sar l-ebda trasferiment tieghu ghal fuq terzi persuni.

3. Il-mahzen inkera lis-socjeta kjamata fil-kawza The Vegpoint Limited mis-7 ta' April 2004 sal-15 ta' Jannar 2006[5], u matul dan il-perjodu din is-socjeta kienet qed tokkupa l-mahzen.

4. Peress li s-socjeta Tademco Ltd u s-socjeta The Vegpoint Ltd qatt ma waslu ghal ftehim sabiex jiffirmaw id-dikjarazzjoni ta' trasferiment tas-servizz tat-telefon[6], is-socjeta attrici baqghet tibghat il-kontijiet ghal dan is-servizz lis-soċjeta konvenuta Tademco Ltd.

5. Fil-kawza odjerna, is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ta' €4,282.73, rapprezentanti bilanc ta' ammont akbar relatat mas-servizz tat-telefon fil-mahzen ta' Ta' Qali ghall-perjodu mill-20 ta' Jannar 2003 sal-1 ta' Ottubru 2006[7].

6. Jirriżulta illi sal-14 ta' April 2004, u cioe sebat ijiem wara li ntemmet il-kirja, is-soċjeta konvenuta Tademco kien ghad fadlilha thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm 278.08[8], ekwivalenti ghal €647.75. Mir-rendikont ezebit mis-socjeta attrici jirrizulta li dan l-ammont thallas fl-20 ta' April 2004.[9]

7. IIs-servizz tat-telefon baqa' jigi uzat mis-socjeta The Vegpoint Ltd., li mhux dejjem kienet thallas il-kontijiet, u ghalhekk hemm dan l-ammont ta' €4,282.73 dovut lis-socjeta attrici. Is-socjeta attrici qed tippretendi l-hlas ta' dan l-ammont minghad il-konvenuti, stante li s-socjeta Tademco Limited baqghet tidher bhala l-utent taghha.

[4] Fol 54.
[5] Dok SM2, fol 124 li hija skrittura li itterminat il-kirja
[6] Fol 45.
[7] Dok A, fol 2.
[8] Fol 55.
[9] Ara fol. 6.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

F'dawn il-proceduri, il-konvenuti qed jeccepixxu li huma m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ammont reklamat mis-socjeta attrici, li kjarament kien jirriferi ghal servizz utilizzat minn haddiehor, senjatament mill-kjamati fil-kawza s-socjeta The Vegpoint Ltd u Saviour Micallef, direttur tal-istess socjeta.

Sentenza b'fattispecje simili ma' dawk fil-proceduri odjerni hija is-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta vs Anthony Cardona et** deciza fit-30 ta' Marzu 2001. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Id-diffikulta' tal-appellant f'din il-kawza ma temergix minn dubbju dwar min utilizza s-servizz. Temergi minn definizzjoni ta' rabta kuntrattwali bejn il-Korporazzjoni attrici u dak li ddikjara ruhu bhala l-utent tas-servizz. L-atti processwali juru li l-Korporazzjoni appellata pprovat a sodisfazzjon tal-Qorti li r-relazzjoni kuntrattwali li kellha mid-data tal-ghoti tas-servizz tat-telefon fir-rigward tal-linja de quo sa meta dan is-servizz gie terminat kienet biss mal-appellant. Il-ftehim dwar is-servizz gie ffirmat mill-appellant wahdu li talab u ottjena t-trasferiment tal-linja minn fond ghall-iehor. Minn imkien ma jirrizulta illi l-appellant b'xi mod informa lill-Korporazzjoni appellata illi hu ma kienx ser ikun l-utent ta' din il-linja. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni li kellha ta' bilfors, anke skond ir-regolamenti li jiggvernaw l-attivita' tal-Korporazzjoni attrici, tigi segwita b'formalita ta' trasferiment ta' linja, tqis l-appellant bhala li kien u baqa' is-subscriber taghha responsabbli ghall-kontijiet sal-mument meta s-servizz gie terminat.*

*Hu ghal kollox irrilevanti ghall-Qorti l-uzu li bhala fatt kien qed isir mil-linja in kwistjoni. Lanqas hi relevanti x'relazzjoni kien hemm interna bejn l-appellant u l-kjamata fil-kawza u x'kienet ir-raguni ghaliex il-linja telefonika kienet giet mill-fond trasferita ghall-fond iehor fuq struzzjonijiet tal-appellant. Dawn il-fatturi kienu ghall-Korporazzjoni attrici appellata res inter alios acta u hekk kellha tqishom il-Qorti.*

*L-appellant jissottometti wkoll illi l-kjamata fil-kawza kienet ghamlet xi hlasijiet ghas-servizz tat-telefon minnha utilizzat fil-fond fejn gie trasferit. Anke dan pero' ma hu tal-ebda importanza ghall-kaz taht ezami in kwantu hu risaput li kull persuna tista' thallas id-dejn ta'*

*haddiehor. Jista' naturalment ikun rilevanti l-likwidazzjoni tal-pendenzi bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza."*

Dan l-insenjament japplika perfettament ghall-kaz *de quo*. Huwa vera li mix-xhieda ta' Philip Mallia,[10] li kien l-accountant tal-holding company tas-socjeta konvenuta, jirrizulta li qabel intemmet il-kirja, hu talab lis-socjeta attrici sabiex taghtieh l-ahhar kont dovut mis-socjeta konvenuta in rigward dan is-servizz tat-telephone, u fil-fatt is-socjeta konvenuta hallset l-ammont li kien ghad fadlilha pendenti mas-socjeta attrici. Dan ix-xhud kompla jghid hekk *"Apparentement is-socjeta li lilha gie mikri l-mahzen, cioe s-socjeta The Veg Point Co. Ltd. qatt ma marret ghand is-socjeta GO, ossia Maltacom, sabiex iddawwar is-servizz fuq isimha. S'intendi s-serizz li gie nstallat hemmhekk kompla jopera u bdejna pero nircievu l-kontijiet ahna. Kull xahar ghalhekk, meta kont nircievi l-kont, kont inzomm kopja ghandi u l-original jintbaghat il-mahzen ghand is-socjeta The Veg u fil-fatt meta kont incempel, din l-ahhar socjeta kienu dejjem jghiduli issa mmur, issa mmur. Meta bdew jitilghu l-kontijiet jiena ergajt ikkomunikajt mas-socjeta GO, din issuggeriet li jimtela' dokument, ahna nimlew il-parti taghna biss, dana rigward it-trasferiment tas-servizz fuq isem terza persuna, u mbaghad gie suggerit lilna wkoll li meta s-socjeta The Veg tmur biex thallas il-kontijiet pendenti tkun tista' tiffirma da parti taghha, t-tieni parti tal-istess dokument. Il-Maltacom kont nitkellem ma' certu Francis Portelli.*

*... ... Jiena naf li meta jkun hemm servizz tat-telephone ghandu jsir transfer, dan jista' jsir, pero bl-accettazzjoni da parti tat-terza persuna. Dan il-kaz The Veg Co. Ltd.* [recte The Veg. Point Ltd]. *... ... Ahna meta ssuggerejna li tinqata' l-linja qalulna li jridu jithallsu l-kontijiet kollha pendenti, fil-fatt sar suggeriment da parti mill-ewwel gurnata meta bdiet din il-kwistjoni. Biex tinqata' l-linja pero qatt ma gie ffirmat xi dokument ufficcjali. ... ... Gejna nfrumat li jekk ma nhallsux l-arretrati kollha inkluzi dawk tas-socjeta The Veg. ... ... ma stajniex nitolbu l-qtugh tas-servizz."*[11]

Ghalhekk is-socjeta konvenuta kienet ben konxja tas-sitwazzjoni fejn halliet servizz tat-telefon registrat fuq isimha accessibbli ghal terzi persuni, u ma hadietx passi konkreti biex is-servizz tat-telefon jitnehha minn fuq isimha. Is-socjeta attrici la setghet iddawwar it-telephone fuq terza

---

[10] Ara fol. 43 - 45.

[11] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Maltacom plc et vs Silvan Industries Ltd et** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras) fit-28 ta' Novembru 2007.

persuna minghajr il-kunsens tat-terza persuna, u lanqas kellha obbligu li taqta' l-linja jekk ma kellhiex talba f'dan is-sens mis-socjeta konvenuta.

Jekk is-socjeta konvenuta riedet tehles mir-responsabbilta', kellha tikteb lis-socjeta attrici u tinformaha li ma kinietx aktar interessata fis-servizz u tghidilha taqta' l-linja; b'dan il-mod, hi kienet tehles minn kull dejn marbut ma' dak it-telefon mill-ghada li s-socjeta attrici tircievi dik l-ittra. Bhala r-*registered subscriber,* meta l-Korporazzjoni jkollha ittra simili, din tkun trid bilfors twaqqaf is-servizz. Is-socjeta konvenuta, pero', ma haditx interess tara li t-telefon in kwistjoni jitnehha minn fuq isimha, u ghalkemm kienet taf li dak in-numru partikolari baqa' jghajjat lilha hi baqghet ma ghamlet xejn.

Is-socjeta konvenuta ma haditx hsieb tara li t-transfer tas-servizz isir mill-ewwel, u meta talbet biex isiru kienu lahqu telghu il-kontijiet pendenti mas-socjeta attrici, li kif kellha kull dritt, irrifjutat li taghmel dan it-transfer qabel jigu saldati dawn il-kontijiet. Veru li f'xi mument, is-socjeta l-konvenut ittantat titlob li l-linja tinqatalha, pero' din tidher li kienet *a half-hearted measure,* F'ebda stadju is-socjeta konvenuta ma kitbet formalment lis-socjeta attrici (u mhux sempliciment titkellem verbalment lill xi impjegat) li hi kienet qed tinsisti li l-linja tinqata' u li hi ma kienx se tibqa' responsabbli ghall-kontijiet futuri. Mix-xhieda ta' Philip Mallia hija cara li s-socjeta konvenuta ma ghamlitx din it-talba, ghax hi ma ridietx thallas il-kontijiet arretrati inkorsi mis-socjeta kjamata in kawza, anke jekk b'hekk kienet se timminimizza d-danni li kienet ser issofri.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti talbu il-kjamata fil-kawza ta' Saviour Micallef f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' The Vegpoint Limited., liema talba giet milqugha minn din il-Qorti. Pero l-kjamata in kawza ta' Saviour Micallef personalment u tas-socjeta Vegpoint Ltd. ma taghmilx differenza lis-sitwazzjoni tal-konvenuti fil-prattika. Huwa vera li fil-mori ta' dawn il-proceduri, Saviour Micallef dahal fi trattativi mas-socjeta attrici sabiex ihallas dawn l-arretrati, pero ma ntalaqx ftehim mas-socjeta attrici.[12]

Debitur ma jistax jillibera ruhu mir-responsabbilita' billi jitfa' d-dejn fuq persuna ohra accettanti, jekk dan ma jsirx bil-kunsens tal-kreditur. (ara s-sentenza **Cilia vs Frendo**

[12] Ara l-verbal tal-avukat difensur tas-socjeta attrici fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2015 (fol. 173) u x-xhieda ta' Saviour Micallef a fol. 174 -175).

**Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 1988). Id-debitrici tas-socjeta attrici kienet is-socjeta konvenuta, u din ma tistax tehles mir-responsabbilita' billi tiftiehem ma' haddiehor u titfa r-responsabbililta' fuq dak il-haddiehor; haga bhal din tista' ssir biss bil-kunsens tal-kreditur. Lanqas ma setghet, is-socjeta konvenuta, tiftiehem ma' terz u tghaddi s-servizz tat-telefon fuq dan it-terz biex, minghaliha, minn dak il-mument 'l quddiem, ikun it-terz responsabbli ghal dak is-servizz. Biex dan isir ikun mehtieg il-permess bil-miktub tas-socjeta' attrici, u, f'dan il-kaz, dan il-permess ma rrizultax. Anke jekk is-socjeta attrici kienet taf li n-numru tat-telefon in kwistjoni kien qed jintuza mis-socjeta The Vegpoint Ltd., dan ma jistax jitqies ekwivalenti ghall-kunsens bil-miktub.[13] Kif qal Paul Mallia stess, l-accountant tas-socjeta konvenuta, kif ukoll kif xehedu l-ufficjali tas-socjeta attrici, qabel is-socjeta attrici tawtorizza dan it-trasferiment, riedu jithallsu l-arretrati kollha pendenti. Anke jekk is-socjeta kjamata in kawza ghamlet xi hlasijiet ghas-servizz tat-telefon in kwistjoni, dan il-fatt ma hu tal-ebda importanza ghall-kaz taht ezami, in kwantu hu risaput li kull persuna tista' thallas id-dejn ta' haddiehor.

Kienet is-socjeta konvenuta li ppermettiet li n-numru tat-telephone in kwistjoni jintuza mill-kjamati in kawza, u kwindi, fil-konfront tas-socjeta' attrici, tibqa' hi bhala *subscriber* responsabbli ghal kull hlas relattiv. Il-kjamati in kawza m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici. Pero, fil-konfront tas-socjeta' attrici, is-socjeta konvenuta bhala r-*registered subscriber*, u l-konvenut Azzopardi, bhala garanti in solidum, baqghu kontinwament responsabblli ghal hlas tas-servizz moghti.

Dan ma jfissirx li fir-relazzjoni interna ta' bejn il-konvenuti u l-kjamati in kwaza, dawn ta' l-ahhar, jew min minnhom, ma jistax jinsab responsabbli ghal hlas tal-kont relattiv; din, pero', hija kwistjoni interna bejn il-konvenuti u l-persuni li hallewhom jinqdew bis-servizz registrat fuq isem is-socjeta konvenuta.

Flimkien mar-rikors promotur, in sostenn tat-talba taghha, is-soċjeta attrici ezebiet rendikont[14] tal-kont tas-servizz tat-telefon in kwistjoni. Minn dan ir-rendikont jirrizulta li l-ammont dovut ghall-perjodu bejn Jannar 2003 u Frar 2006 huwa ta' erbat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro u

---

[13] Ara fl-istess sens is-sentenza **Maurice Mifsud Bonnici noe v. Edgar Bonnici Cachia et** deciza fl-20 ta' Gunju 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (*per* Imhallef Tonio Mallia).

[14] Fol 2.

tlieta u sebgħin ċenteżmu (€4,282.73c). Dan l-ammont ma gie bl-ebda mod kontestat mill-konvenuti, lanqas fir-risposta taghhom.

**Konklużjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tillibera lill-kjamat in kawza Saviour Micallef f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta The Vegpoint Limited mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tichad l-unika eccezzjoni tal-konvenuti;
3. Konsegwentement tilqa t-talbiet tas-soċjeta attriċi u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u tmenin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€4,282.73c), bl-imghax skond il-ligi kontra l-istess konvenuti.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenuti *in solidum,* fil-waqt li jibqa' impregudikat kwasiasi dritt ta' azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-kjamati in kawza fuq il-meritu odjern hawn deciz.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**